# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

Il-Ħamis, 18 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-09:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 33.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti, numri 30, 31 u 32, li kienu meqjusa moqrija.

33.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 33.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

33.2.1 Is-Sindku fakkar li nhar il-Ħadd, 21 ta' Novembru hemm ir-run li l-Kunsill qed jgħin biex tiġi organizzata. Hu kompla jgħid li bħala ppjanar u ħidma bejn l-NGO's u l-Kunsill sejrin tajjeb ukoll.

33.2.2 Is-Sindku qal li s-Surmast tal-iskola għamel rikjesta lill-Kunsill sabiex ngħinu fit-tqassim ta' tifkira lit-tfal. Il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ is-somma ta' €215.00.

33.2.3 Is-SE qalet li rigward il-kuntratt tal-Animal Steward, bagħtet lid-DLG sabiex jikkonfermaħ u bagħtu risposta li jaqblu mal-verżjoni li għamel l-avukat tal-Kunsill.

33.2.4 Is-SE qalet li inbagħtet ittra mingħand it-Transport Malta sabiex jaraw jekk il-Kunsill għandu xi oġġezzjoni rigward applikazzjoni ta' disabled parking space. Is-SE qalet li peress li ma irċiviet l-ebda risposta ser nħallu l-proċess għaddej f'idejn it-Transport Malta. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.2.5 Is-SE ippreżentat l-ittra ta' direzzjoni (Management Letter) bil-kummenti tal-awdituri. Wara li s-SE spjegat l-lista tal-kummenti flimkien mar-risposti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.2.6 Is-SE informat lill-Kunsill li sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-offerti għas-servizz ta' *Street Sweeping* fil-lokalita', kien hemm kuntrattur wieħed li tefa' l-offerta tiegħu li kienet il-kumpanija Sultech Ltd u l-ammont kwotat kien ta' € 25,774.00 VAT esklużа. Is-SE qalet li l-bord ta' aġġudikazzjoniqed jirrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-kuntrattur Sultech Ltd li ssottometta l-unika offerta li kienet administratively u technically compliant. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.2.7 Is-SE qalet li irċivejna mingħand id-DLG fejn infurmawna li l-applikazzjoni sottomessa SPI 3/2020 ser ningħataw €5,500.

33.2.8 Is-SE qalet li irċivejna mingħand id-DLG li ħarġet skema ġdida – SPI/SCI/8/2021 rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'. Wara diskussjoni sar qbil unanimament li napplikaw għall kontinwazzjoni tal-proġett li irbħana s-sena l-għaddiet taħt l-istess skema. Sabiex nagħtu aktar aċċessiblita u mobilità lir-residenti tagħna s-Sindku ppropona li naħdmu fuq Website professjonali, anke għaliex il-Kunsill għad ma għandux u ninkludu wkoll App li tkun mezz għar-resident li jkun f'kuntatt kontinwu mal-Kunsill inkluż

ilmenti jew xi ħsarat li jista jirraporta, bollards ġodda fil-pjazza u iktar mezzi ta' sigurta fir-raħal.

33.2.9 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand id-Direttorat tal-Kultura rigward il-proġett 'On the road', fejn talbu l-Kunsill fl-liema perjodu jixtieq jippartecipa. Sar qbil unanimu li nieħdu sehem f'nofs Lulju 2022.

33.2.10 Is-SE qalet l irċivejna kont mingħand il-Green Mt għaliex sabu skart mhux separat kif suppost fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku qal li din il-materja ser tiġi diskussa mar-Reġjun peress li l-Kunsill kollha qed jirċievu l-istess kont u għalhekk sar qbil unanimu li nistennew risposta.

## 33.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

33.3.1 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet sabiex jinżabru s-siġar taż-żebbuġ ta' fejn il-playing field. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.3.2 Il-kunsillier George Camilleri saqsa rigward il-manutenzjoni tal-monument ta' San Lawrenz. Is-Sindku fakkar li dan qed isir mill-Ministeru għal Għawdex u qal qed jibgħat emails kontinwament u jċempel lid-DG sabiex jitkompla x-xogħol fuq il-monument pero għadu bla risposta.

## 33.4 Passaġġ ta' Triq Wied il-Merill li jinfed fi Triq Nicholas Monsarrat;

33.4.1 Is-Sindku qal li jixtieq jerġa' jqajjem is-sitwazzjoni perikoluża li jkunu jinsabu fiha r-residenti ta' Triq Wied il-Merill meta l-istess triq tkun magħluqa minħabba xi permess jew sitwazzjoni simili. Dan peress li Triq Wied il-Merill ma tinfed għall-imkien u f'każ t'emerġenza r-residenti jkunu bla aċċess. Is-Sindku kompla jgħid li dan l-aħħar ħadem sabiex isib kompromess ma sid għalqa li tmiss minn Triq Wied il-Merill għall-Triq Nicholas Monsarrat u waslu f'arranġament li dan is-sid jagħti aċċess lir-residenti biex jużaw dan il-passaġġ meta t-triq tkun magħluqa. Pero peress li dan il-passaġġ huwa fi stat ħażin hemm il-ħtieġa li dan il-passaġġ jitranġa u s-sid li kkonferma li jekk il-Kunsill jipprovdi x-xogħoljiet, dan il-passaġġ jinfetaħ kif spjegat aktar qabel u jsir xi ftehim ukoll bil-miktub dwar dan l-arranġamenti. Is-Sindku qal ukoll li talab lill-Ministeru għal-Għawdex kemm biex issir triq uffiċjali u anke biex jgħinuna biex isir dan ix-xogħol urġenti, pero ma kellu l-ebda risposta. Għalhekk is-Sindku ppropona li minħabba l-urġenza ta' dan ix-xogħol, il-Kunsill għandu jidħol hu għalih. Il-Kunsill qabel unanimament li nsaqsu lid-DLG għall-direzzjoni.

## 33.5 Tiżjin u Attivitajiet tal-Milied;

33.5.1 Is-Sindku ppropona li nagħmlu ikla tal-Milied tal-kunsilliera u staff nhar 28 ta' Diċembru f'restaurant. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.5.2 Is-Sindku qal li mill-iskema tal-Milied tad-DLG il-Kunsill ma ingħatax fondi. Għalhekk is-Sindku nforma lill-Kunsill li ssottometta l-istess applikazzjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex u ngħatajna €5,000 għal 'Wara nofsinhar flimkien...Nistennew il-Milied', kif ukoll €2,000 għall-Kunċert 'Gaudate...nifirħu'. Is-Sindku qal li b'din ser inkunu nistgħu nagħmlu

Swejjaq tal-Milied , xi tiżjin ġdid fil-Christmas tree, entertainment għat-tfal u kbar fil-pjazza, pageant u kunċert fil-knisja. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 33.6 Updates ta' Proġetti;

33.6.1 Is-Sindku qal li rigward l-iskema Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi, hu flimkien mas-SE u l-Perit Cordina marru on site sabiex jiddiskutu l-proġett tal-ġnien żgħir fi Triq it-Tieqa tad-Dwejra u sar qbil li l-perit se jipprovdi l-bill of quantities għal dan il-proġett. Is-Sindku spejga x'intqal fil-laqgħa u l-Kunsill qabel unanimament.

33.6.2 Is-Sindku qal li rigward il-proġett tal-carillon fil-pjazza, kellu site visit flimkien mal-Perit Scerri u l-esperti li qed jipprovdu l-għajnuna f'dan il-proġett u iddiskutew id-disinn fejn jista jitpoġġa l-carillon sabiex jiġi sottomess bħala applikazzjoni lil Planning Authority. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.6.3 Is-Sindku qal li rigward il-proġett tal-librerija jirrekjedi iktar baġit mill-kien previst u għalhekk ippropona li peress dawn kollha applikazzjonijiet tar-Reġjun t'Għawdex, jitlob li mill-massimu ta' €15,000 li hemm allokati għall-iskema tal-Ambjent, jiġu trasferiti €5,000 minnhom għall-librerija, u għalhekk bħala baġit rivisti ikun hemm €8,000 għall-Librerija u €10,000 għall-iskema tal-Ambjent. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.6.4 Is-Sindku qal li rigward ix-xogħolijiet ta' Triq il-Ġebla tal-Ġeneral m'għandux data meta se jibda l-kuntrattur għaliex infurmaħ li qed jistenna l-katusi u affarijiet oħra li għadhom ma waslux.

## 33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

33.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

33.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 33.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

33.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:00 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir il-Ħamis, 16 ta' Diċembru 2021 fit-09:00.

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Sarah Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |